# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Mario Muscat

Illum 12 ta' Mejju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Mario Muscat, ta' 61 sena, imwieled Nadur, fil-11 ta' Ottubru, 2020, bin Paul u Maria nee Camilleri, residenti: Lourdes, Flt 3, Triq Mgarr, Ghajnielem u detentur tal-karta ta' identita' 60359G.

Nakkuzah talli nhar l-20 ta' Ottubru, 2020 ghall-habta tas-01:0 ta' wara nofs in-nhar f'Rue D'Argns, Msida:

1. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti,

ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Lucienne Mizzi skond kif iccertifika minn Dr. Agnes Portelli reg. 2863;
Art 226(1)a tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli soqt vettura bil-mutur ta' l-ghamla Ottawa bin-numru ta' registrazzjoni AMS 217 bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz Art. 15(1)a tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Naqas li jieqaf u jaghti dettalji tieghu, wara li kien involut f'incident b'vettura bil-mutur liema incident kien jinvolvi offiza fuq il-persuna;
   Reg 67(1) L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Naqast li jinforma lill-Pulizija jew lill-ufficjal tal-Komunita bl-imsemmija incident. Reg. 67(5) L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba ukoll li f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil- 22 ta Ottubru 2020 L-ufficjal prosekutr qara l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fejn flezami wiegeb li mhux hati .

Rat l-artikolu 226(1(a) 533(1) tal-Kap 9 u art 15(1)( a) (2) (3)tal-Kap 65 Reg 67(1) u 67(5) tal -LS65.11 tal-Ligijiet ta'Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Rat li l-Proces Verbal ma giex ezebit.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**L-Ispettur Jonathan Ransley** bil gurament spjega l-involviment tieghu rigwardanti dan l-incident

**PS 649 Joseph Buhagiar,** xehed hekk :

Xhud: Iva nahlef, Mela nhar il-20 ta' Ottubru tal-2020 għall-ħabta tas-1.35 ta' waranofsinhar gejt infurmat mill-control room tal-pulizija illi fi triq Enrico Mizzi kantuniera ma' triq Rue D`Argens kien hemm xi aċċident persuna feruta. Meta mort fuq il-post, Meta mort fuq il-post kien hemm diġà pulizija il-953 u 1187 fejn stqarrew miegħi li nfurmawni illi diġa kienet ġiet ambulanza mit-taqsima ta' Mater Dei fejn ħadet lill vittma tal-inċident ġewwa t-taqsima għal-stħarriġ mediku li fuq il-post ġiet identifikata bħala ċertu Lucienne Borg detenturi tal-karta tal-identita 123773M, fuq il-post meta fuq il-post tkellimt ma' ċertu Mohammed Noman, 219327A, li nzerta kien fuq il-post waqt il-ħin tal-inċident fejn stqarr illi filwaqt li trakk li kien qed jiġbed xi low loader ta' lewn isfar u blu li kien għadu kif ħareġ minn triq Enrico Mizzi qal u dar għal ġewwa triq Rue D'Argens il-fuq laqat persuna femminili inzertat kienet miexja fil-kantuniera u baqa' jsuq direzzjoni lejn lejn l-Imsida, jiġifieri Rue D`Argens lejn l-Imsida mill-Gżira għall-Imsida. Minn hemmhekk skatta proċess biex jinġabru filmati tas-sur hawn filmati tal-tas-sigurtà minn fuq il-post fejn jiena irrappurtajt ġewwa mix-showroom tal-Land Rover li tinstab fil-kantuniera. Minn hemm stajt nilmaħ l-stajt nara kif seħħ l-aċċident illi l-aċċident seħħ skond kif ingħatajna verżjoni tax-xhieda fuq il-post pero il-in-numru ta' reġistrazzjoni ma stajtx nidentifikah peress li kien daqsxejn il bogħod Irrappurtajt ġewwa showroom oħra li tinsab fil-madwar ukoll ġewwa Testaferrata ġew showroom tal-tal-Porsche fejn ingħatajt aċċess għal sistemi ta' sorveljanza u minn hemmhekk stajt nidentifika

illi it-trakk involut bil-vettura involuta kien qed iġorr in-numru tar-reġistrazzjoni AMS 217 irreġistrata fuq ċertu Mario Vella detentur tal-karta tal-identità 691457M, jiena gejt infurmat mill-ftit tal-ħin wara ġejt infurmat mit-taqsima tal-Mater Dei illi l-vittma Lucienne Borg kienet tinsab fil-periklu tal-mewt u hekk kif iċċertifikata minn Dr. Agnes Portelli bin-numru tar-reġistrazzjoni 2863 jiena minn hemm infurmajt lill-ispettur Ransley Jonathan Ransley fejn minn naħa tiegħu informa, b'dan il-Maġistrat tal-Għassa ta' dakinhar Audrey Demicoli fejn imbagħad min-naħa tagħha ħatret diversi esperti sabiex jassistu f'din l-investigazzjoni. Jiena min-naħa tiegħi nformajt il-espert, u l-espert li kien maħtur sabiex jeleva l-filmati tas-sigurta mm imbagħad aktar tard inġab dawn il-filmati nġabru minnu stess għal aktar stħarriġ. Aktar tard ħejjejt rapport rigward dan li jġorr in-numru 6L3462/2020. Dak Kollox.

**<u>Lucianne Mizzi,</u>** xehdet hekk:

Pros: Mela sinjura inti kont involuta f'inċident?

Xhud: Ijja.

Pros: Tista, tgħidilna d-data meta ġara?

Xhud: Jekk m' iniex sejra żball fl-20 ta' 2020 F'Ottubru.

Pros: Sewwa tiftakar, il-ġurnata?

Xhud: Gurnata it-tlieta għandi jkun kienet.

Pros: Bhala data?

Xhud: Numru ezatt ma niftakarx.

Pros: U fejn ġara l-inċident?

Xhud: Ġara ma' triq Regional road imma ġo trejqa oħra mhux fil-main road hemm trejqa li tagħti għal one way umbaghad kien hemm dan it-trailer li kont nieżla minn hemm jiena bil-mixi. Kien hemm dan it-trailer hekk f'daqqa wahda u għaffiġni mal-ħajt. Mbagħad intlift minn sensijja imma ma nafx x'ġara iżjed.

Pros: Jiġifieri inti minn fejn rajtu ġej?

Xhud: U zgur jiena rajtu ġej ma stajtx immur l'hemm jew l'hawn għax ġara fi ftit sekondi. U intrassejt mal-ħajt u qabadni hu qabbadni dort f'daqqa hekk ħbatt ma nafx ma xiex mal-ħajt stess voldieri kien hemm qisha xi biċċa blata l-barra hekk biċċa ġebla il barra u ħbatt wiċċi dak li niftakar u waqajt malajr daqshekk ma niftakarx. Qomt l-isptar.

Pros: X`soffrejt jew għadek qed issofri?

Xhud: Għadni nsofri l-anzjetà wahda inbati bl-anzjeta insofri bl-uġiegħ f'dahri imħabba li għandi 6 slip discs mqabbżin bl-inċident, kelli head injury farrakli wicci minn ġewwa l-għadam kollu, jista jghdu l-professur mhux jiena voldieri, soffrejt b'idejja għandi xi … minn fuq s'isfel kisirieli fit-tlieta idejja u sal-lum il-ġurnata ma nimxix sewwa u għadni zzappap ma nistax nibbendja kif kont nagħmel l-affarijiet li kont nagħmel qabel tinsihom u. Ma tibqax li tkun.

Pros: Inti persuna tarfu hawnhekk fl-awla li kien qed isuq?

Xhud: Ehe ghandi lemħa tieghu.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat, għandek lemha tieghu xi jfisser sinjura?

Xhud: Għax jiena billi qabel kont insuq hu awtomatikament inti ha tħares lejn is-sewwieq allura jiena ħarist. qisu u awtomatikament ġiet biex nara għax x`ħa jagħmel rajtu u rajtu.

Avu: KOntro Ezami, mela xtaqt insaqsik jekk jogghbok mela ara hux qiegħed ngħid tajjeb illi dan it-trailer dan it-trakk kellu low loader miegħu, jiġifieri qed iġorr xi ħaġa, kien hemm il-kabina u low loader issa għax qed ngħid tajjeb illi dan it-trakk kien qisu qed idur ma' dik ir-roundabout li hemm mal-art gej mid-direzzjoni tal-Imsida u ħa jerġa' joħroġ li d-direzzjoni?

Xhud: Le ma kienx qed idur mar-roundabout.

Avu: Mela minn fejn ġie?

Xhud: Ġie minn-naħa jiena rajtu ġej dan min-naħa ta' Enrico Mizzi hemmhekk m'hemmx roundabout.

Avu: Mela hu sejjer lura fid-direzzjoni tal-Imsida,

Xhud: U sejjer sejjer tieghla direzzjoni ta' din it-trejqa li hi one way.

Avu: Issa nkun qed ngħid tajjeb imma illi meta seħħ dan l-inċident,

Qorti: Rue D`Argens ghandha x`taqsam mieghu dan l-incident?

Xhud: Rue D`Argens hija parti mit-triq imma hi fejn ġara l-inċident hija trejqa mhux Rue D`Argens taghmel ma Rue D`Argens li tizbokka ghar-Rue D`Argens u li hija one way biex titla.

Avu: Issa nkun qed nghid tajjeb illi l-kabina ta' din il-low loader kienet qabżitek?

Xhud: Ijja u qabadni bin-nofs lili qabadni niftakar ċar bin-nofs għax ghedt alla magħna daqshekk daqshekk jiena.

Avu: Issa l-kabina qabżitek u allura inti imbagħad fuq in-naħa tal-low loader biex niftiehmu?

Xhud: Ijja.

Avu: Issa mill-filmat qed jirriżulta.

Qorti: Aħna ma rajna xejn filmati.

Avu; Jekk jiena nissuġġerilek illi tiftakar jekk kienx hemm mument semmejt ġebla,

Xhud: Gebla fis-sens ma' xi ħaġa ħbatt jiena li jaħbat ma xi ma xi ħaġa.

Avu: Taf jekk din il-ġebla kienitx mal-art?

Xhud: Naf li kellu dan il-it-trejler kellu  xi cnagar fuq wara issa x' ġara, naf li naf li meta ġejt f'sensijja għal ftit sekondi ġejt fuq ċangun, rasi fuq ic-cangun, Imbagħad intlift minn sensija u qomt l-isptar voldieri ma niftakar xejn iżjed.

Avu: Dan cangun, dan ic-cangun ma waqax bit-trakk ma rajt ebda cangun jaqa` bit-trakk inti?

Xhud: Le jiena.

Avu: Dac-cangun kien mal-art?

Xhud: Le ma kien hemmx hemm cnagar mal-art għax kont għaddejja u kont għadni f'sensijja cnagar mal-art dak il-ħin ma kien hemmx li rajt iċ-ċangun kien fuq fuq fuq it-trailer fuq wara.

Avu: L-ispettur Ransley infurmana illi kien hemm ċangun u t-trakk ħin minnhom ogħla minħabba dan ic-ċangun li ġie elevat għax kellu żebgħa blu inti f'moħħok pero ċnagen ma l-art ma rajtx?

Xhud: Ma jidhirlix li rajt cnagar mal-art.

Avu: Ok, għax biex ma taqbadx u teskludiha għax l-ispettur,

Xhud: Ma rajtx cnagar għax hemmhekk is-soltu wkoll jipparkjaw il-karozzi hemmhekk imma ma kien hemmx.

Avu: Hemmhekk bħala bankina x'hemm illum?

Xhud: Il-ġurnata hemm il-bankina qabel ma kien hemmx bankina la naħa u lanqas fuq oħra.

Avu: Jiġifieri kienet triq wahda biex ngħidu hekk issa inti kont mixja għal-fuq u jew kont ħa taqasam?

Xhud: Le le jiena kont nieżla kont nieżla mit-triq għax dik it-triq tagħti, tibqa' ġejja min-naħa ta' Testaferrata u tibqa' nieżla hekk imbagħad għal Rue D`Argens.

Avu: Din it-triq, sewwa mela minn fejn ġej dan it-trakk, inti rajt it-trakk ġej orrajt u qaltilna li l-kabina ta' trakk qabżitek u qabdek bil-parti ta' wara inti tiftakar jekk għamiltx moviment il barra jew bqajt fit-triq?

Xhud: Le jiena ma kellix fejn niċċaqlaq hi jiena hekk bqajt sakemm ħaditni il-kabina naf li għamilt sabbat il-fuq il-low loader u ngħajjat Ej Ej Ej imma għalxejn f`daqqa wahda ghaffigni.

Avu: Hemmekk għaddejt minn din it-triq inti, pero hemmhekk ftit iżjed il-fuq m'hemmx żebra crossing biex taqsam jekk tibqa' nieżla Testaferrata m'għandekx żebra crossing ta' quddiem?

Xhud: Ijja ehe.

Qorti: Qed tgħidlek ma kienetx ħa taqsam dottore.

Xhud: Ma kontx qed naqsam minn hemm, hemmhekk mhux fit-triq.

Avu: Ghandek ragun,

Qorti: I`m very fond of Zebra Crossings imma is-sinjura qalet li kienet għaddejja fid-triq ma kellix ħsieb li taqsam jien hekk fhimtha.

Avu: U lfejn kont sejra?

Xhud: Jiena kont sejra id-dar niehu belgħa tè suppost imbagħad spiċċajt l-isptar.

Avu: Fejni id-dar tieghek gahx ahna ma nafux fejn hi?

Xhud: Triq Enrico Mizzi kantuniera kemm iddur il-kantuniera.

Avu: M`ghandix iktar domandi.

**Mohammed Noman,** xehed hekk

Pros: You were involved also an accident, traffic accident happening?

Xhud: I saw in Gazira, there is a roundabout.

Pros: When did it happen? Do you remember the date actually?

Xhud: October 20 or something like this or 19 October something?

Xhud: Because before two days I have my birthday. So 20th October 2020.

Xhud: I have my birthday so I'm going with my friend. Because that day we are off. So we are going for the restaurant, for the dinner, lunch.

Pros; Ok, and where did it happen? Do you remember the place?

Xhud: There is a roundabout on the Gzira. There is one side, there is a car showroom actually, I don't know exactly the name of the showroom now and we are going from Gzira to upside and we saw when we are crossing one.

Qorti: You were you are going from?

Xhud: Gzira to college side. We are going up then we see, because when we are crossing that roundabout, we see the truck he hit the one woman. We saw a truck hit the woman in the roundabout. Then we stopped the car and we called the police.

Qorti: You were in a car?

Xhud: We are in another car we stop our car.

Qorti: And what you are driving?

Xhud: No, my friend is driving.

Qorti: Who is your friend? His name?

Xhud: His name was C. Maman and we call the police. And the police inspector came so I present my id. So they told me maybe soon or later you have to come for the witness.

Pros: So you observed this truck hitting the woman, and you give us some details if you remember?

Xhud: Because when the truck hit the woman.

Qorti: The woman was in the car?

Xhud: No, she's walking by, she's walking on the roadside and he didn't stop on the and the truck hit the woman then he didn't stop on the spot of the accident. He stopped like maybe hundred metre, more than 100 metre. Then we come out from our car and the driver came out from the truck and he ran the woman's side to see.

Qorti: Do you see the driver here in this room? Can you recognise him in this room?

Xhud: Actually, I cannot recognise the driver that I stopped more than 100 metre when he stopped the truck.

Qorti: But you said he came up to the woman. When he came up to the woman?

Xhud: No he just came out from the truck.

Qorti: I see and it was more than 100 metres away so you couldn't recognise him?

Xhud: Yes.

Qorti: All right.

Xhud: Then we called the police and the inspector took my id he told me maybe soon or later you have to come to the court or maybe police station for the witness So I agreed So I signature some paper documents, So I'm here.

Au: Where you were driving in the same direction as this trailer was driving?

Xhud: We are not driving in the same direction. We are going upside the truck is when we just see the truck is hitting the woman?

Avu: You are driving in which direction therefore?

Xhud: We are coming from downside to we are going upside.

Avu: What is the downside? You are coming from Msida, you are coming from Gzira?

Xhud: I am coming from Gzira.

Avu: You are coming from Gzira, So the truck was driving towards Msida am I correct?

Xhud: Yes.

Avu: Now, when you say you saw the truck hit the lady, am I right in saying that this lady was walking in the road, right not on a pavement?

Xhud: On the side of the road.

Avu; Am I right in stating that she was hit with the backside of the truck do you recall this?

Xhud: When I saw the, when she hit the truck, she hit with the back wheel of the truck.

Avu: With the back wheel of the low loader?

Xhud: Yes.

Avu: Now, so the truck had passed the driver had passed and there was still the trailer coming and the lady was hit with the back tire of this trailer am I correct?

Xhud: Yes.

Avu: Now prior to being hit, did you see the truck make any sort of movement?

Xhud: No.

Avu: Did you see the lady try to do something to because she's walking in the road and the truck is turning?

Xhud: No.

Avu; Did you see her move forward?

Xhud: No. No.

Avu; So she was there walking on the side of the road in the road. And you saw the back tire of there hitting her?

Xhud: Yes.

Avu: Thank you. I have no further questions.

**Sean Vassallo,** xehed hekk

Pros: Mela inti rajt xi incident isehh jew kont involut?

Xhud: Le, personalment jiena gejt mitlub ghall-filmati tac-CCTV.

Qorti: Ghandek xi filmati mieghek?

Xhud: Le, dawk ghaddejthom lil pulizija jiena Muscat`s Motors.

Qorti: Jigifieri rigwardanti id-dati ta liema incident u kif ghandek idea jew xejn?

Xhud: Unfortunately ma nkunx naf dik it-triq ikollna naqra accidents mhux hazin u nigu mitluba hafna filmati ahna minghand il-pulizija.

**Illunsidrat**

Illi fil- kamp kriminali il-provi iridu isiru fil-livell ta' "beyond a reasonable doubt" . Dan il-livell zgur li ma intlahaqx f'dawn il-proceduri. Jidher li kien hemm inkjesta Magisterjali izda l-provi li setghu ingabbru f'din l-inkjesta qatt ma gew ezebieti. Mix-xhieda tal-istess allegat midruba Lucianne Mizzi ma jirrizultghax li l-incident sehh go Rue D'Argens izda go triq laterali. Fic-cirkostanzi ma tistghax tinstab htija fil-konfront tal-imputat taht l-ebda wahda mill-imputazzjonijet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1(a) 533(1) tal-Kap 9 u art 15(1)( a) (2) (3)tal-Kap 65 Reg 67(1) u 67(5) tal - LS65.11 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Mario Muscat mhux hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**